MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

# FXDealer, FX Dealer, FX Direct Dealer jew Fxdealer.us – http://www.fxdealer.us/

# U

# Sky Forex jew Sky Forex Europe – http://www.skyforex.org.uk/

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("**MFSA**") tirreferi għan-Notifika lill-Pubbliku Ġenerali ppubblikat fit-03.04.14 li tikkonċerna websajts li joffru servizzi ta' valuta esterna (Forex jew FX) jew li jippruvaw jattiraw kummerċ mingħajr ma' jkunu liċenzjati jew awtorizzati. L-MFSA hija konxja ta' żewġ tali entitajiet li qegħdin joperaw taħt ismijiet differenti u li jistqarru illi għandhom liċenzja maħruġa mill-MFSA. Dawn l-entitajiet huma:

i. **FXDealer**, **FX Dealer**, **FX Direct Dealer** jew **Fxdealer.us** u li hija magħrufa li għandha preżenza fuq l-Internet fuq http://www.fxdealer.us/.

ii. **Sky Forex** jew **Sky Forex Europe** u li hija magħrufa li għandha preżenza fuq l-Internet fuq http://www.skyforex.org.uk/.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, li l-entitajiet msemmija hawn fuq **MHUMIEX** kumpanniji reġistrati f'Malta u **LANQAS** ma huma entitajiet liċenzjati mill-MFSA biex jipprovdu xi tip ta' servizz finanzjarju. Il-websajts imħaddma minn dawn l-entitajiet fihom informazzjoni falza u qarrieqa. Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex ma jagħmilx transazzjonijiet jew b'xi mod ieħor jirrelata ma' dawn l-entitajiet.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-persuna jew l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hi liċenzjata jew hi awtorizzata mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba biex tipprovdi tali servizzi.

Lista ta' entitajiet liċenzjati u awtorizati mill-MFSA hija disponibbli mingħand L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'aċċess minn: www.mfsa.com.mt.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 06-2014**
**8 ta' April 2014**